MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-28 ta' Dicembru, 2005

Numru 955/2005

**Il-Pulizija**
**Spettur Daniel Zammit**

**V**

**AKAIF NAJI WRD**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **AKAIF NAJI WRD** ta' tmintax il-sena bin Naji imwieled l-Palestina nhar minghajr indirizz fiss u bla passaport, gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar l-hmistax ta' Ottubru 2005 ghal habta tal-ghaxra w kwart ta' fil-lejl f'Tas Sliema u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' wiehed inkarigat skond l-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak s-servizz.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, attakka jew ghamel rezistenza bi vjolenza jew b'hebb fuq PS 1373 John Micallef, PS 1575 Robert Fava, u PC 857 John Laferla li hija vjolenza pubblika li huma persuna inkarigati minn servizz pubbliku waqt li kienu jagixxu ghal esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond l-ligi mill-awtorita kompetenti.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ta diversi daqqiet biex jikkaguna feriti ta' natura gravi fuq PS 1373 John Micallef, PS 1575 Robert Fava, u PC 857 John Laferla liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volunta tieghu.

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi voluntarjament hebb ghal PS 1373 John Micallef, PS 1575 Robert Fava, u PC 857 John Laferla w ikkagunalhom ferita ta' natura hafifa skond ma ccertifika Doctor V. T. Buhagiar mic-Centru tas-Sahha tal-Gzira.

Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, voluntarjament hassar, jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara fl-uniformijiet ta' PS 1373 John Micallef u PS 1575 Robert Fava liema hsara hija inqas minn ghaxar liri maltin ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Novembru 2005 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta kif verbalizzat minnu stess fis-seduta tal-erbatax ta' Dicembru 2005.

Rat l-atti kollha tal-kawza w d-dokumenti kollha esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed Doctor Mario Scerri** [fol 6] fejn qal li hu kien gie nominat b'digriet tal-Qorti nhar s-sbatax ta' Ottubru 2005, sabiex jezamina lil imputat li gharaf presenti fl-awla. Qal li hu kien ezaminah dakinhar stess u esibixxa r-relazzjoni tieghu li giet mmarkata bhala dokument MS [fol 8 et seq].

Minn ezami ta' din r-relazzjoni jirrizulta li dan ikkonkluda li l-imputat kellu xi lesjonijiet fuq wiccu u fuq widnejh l-leminija. Stqarr li l-imputat kien allega mieghu li kien hemm gidma imma effettivament fil-fehma tieghu, ma rrizultax li kienet hemm. Zied jghid li kien hemm wkoll xi abrasjonijiet fuq zaqqu u sidru u dawn kienu ghadhom friski. Qal li l-imputat kien qallu li qala xebgha waqt li kien arrestat, pero huwa ma sab ebda sinjal ta' gidma jew *approaching bite*.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed l-Ispettur Daniel Zammit** [fol 25] fejn qal li fil-hmistax ta' Ottubru 2005, ghal habta tal-ghaxra w kwart ta' filghaxija kien cempillu s-Surgent mill-Ghassa ta' Tas Sliema fejn qallu li kellhom jarrestaw persuna x'aktarx ta' nazzjonalita Gharbija wara li kien hemm diversi rapporti li kien qed jirrifjuta li jaghti d-dettalji tieghu lil Pulizija.

Qal li l-ghada, sittax ta' Ottubru 2005, hu kien kellem lil imputat fejn dan qallu li hu kien dahal Malta hames xhur qabel klandestinament u hadd ma kien qabdu u kien qed joqghod fi flat l-Balluta. Wara l-imputat kien hadhom go flat fi Triq Nazzarenu, Sliema biex jiehu xi affarijiet personali tieghu u f'dan il-flat ma kienu sabu xejn w effettivament irrizultalhom li ma kienx tieghu.

Ix-xhud kompla jghid li meta kellem lin-nies tieghu, biex jistaqsihom x'kien gara, dawn qalulu li kellhom telefonati minn xi nies li l-imputat kien qed idejjaq nies fi Gnien Indipendenza f'Tas Sliema, u x'hin marru biex jarresaw lil imputat, dan harbilhom u x'hin qabduh, hu rresiztihom u l-Pulizija kienu garrbu xi feriti hfief. Ix-xhud esibixxa l-istqarrija tal-imputat u kopja tal-okkorrenza relattiva. Qal li l-okkorrenza li hi mmarkata bhala dokument PS, giet mehuda minn PS 1575 Robert Fava. Zied jghid li l-

istqarrija tal-imputat giet mehuda minnu wara li hu ta s-solita twissija lil imputat u f'din l-istqarrija dokument PS 1, l-imputat kien tah dettalji foloz ta' xi hadd jismu Reuben Bulliger. Ix-xhud esibixxa certifikat mahrug minn Doctor Victor Buhagiar fil-konfront ta' PS 1373 John Micallef li gie mmarkat bhala dokument PS 2. Esibixxa wkoll certifikat mediku mahrug mill-istess tabib fil-konfront ta' PS 1575 Robert Fava li gie mmarkat bhala dokument PS 3 u certifikat mediku iehor mahrug mill-istess tabib fil-konfront ta' PC 857 John Laferla li gie mmarkat bhala dokument PS 4.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed Doctor Victor Buhagiar** [fol 35] fejn ikkonferma li d-dokumenti PS 2, PS 3 u PS 4 huma certifikati medici mahruga minnu w ikkonferma l-kontenut taghhom. Zied jghid li l-feriti huma kollha ta' natura hafifa u li hu ra fuq il-persuni ta' PS 1373 John Micallef, PS 1575 Robert Fava, u PC 857 John Laferla.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed PS 1575 Robert Fava** [fol 36] fejn qal li nhar l-hmistax ta' Ottubru 2005, ghal habta tal-ghaxra w nofs ta' bil-lejl kien riceiva telefonata li kien hemm zewg persuni ta' nazzjonalita Libjana li kienu qed jaqbdu ma xi tfal li kienu qed jilghabu fi gnien w ghalhekk hu, flimkien ma Pulizija ohra nizlu fuq il-post biex jiccekkjaw u jivverifikaw r-rapport. Qal li hemm raw zewg persuni ta' nazzjonalita Libjana u meta iccekkja l-passaport ta' wiehed minnhom deher li ma kienx hemm problemi dwaru. Qal li dak l-hin kienet marret tfajla ta'xi tnax il-sena li kellha d-demm ma idejha u qaltilhom li l-imputat kien qabad jaghtiha, kaxkaraha mal-art u qabad ma xi tfal zghar ohra. Qal li hu baghat lil din t-tfajla l-klinika u biex tghid lil ommha tmur taghmel rapport l-Ghassa.

Qal li kif kienu ser jibdew jitkellmu mal-imputat, dan qam minn fuq il-bank fejn kien bil-qieghda, qabad lil PS 1373 John Micallef u tefghu mal-hajt. Ix-xhud zied jghid li hu irnexxilu jaqbad lil imputat minn id wahda w immanettjah u dan dar u tah daqqa fuq idu x-xellugija bl-istess manetta u dak l-hin mar PC 857 Robert Laferla biex jghinu

jikkontrolla lil imputat.  Qal li x'hin mmanettjah, telqu mill-gnien bil-karozza u f'hin minnhom l-imputat ta daqqa ta'sieq lil PC 1497.  Qal li waqt li kienu fil-karozza l-imputat beda jghajjat u jghid "Illum arrestat, ghada nohrog w insibkom bil-familja."

Zied jghid li l-imputat irrifjuta li jaghti l-partikolaritajiet tieghu lil Pulziija.  Qal li waqt li kienu sejrin bl-imputat l-*lock up* hu beda jghid li kien Palestinjan u li kien joqghod l-Balluta.  Qal li l-imputat irrezistihom w aggredihom.  Qal li ghal ewwel kienu zewg Pulizija u wara gie iehor jghinhom. Qal li hu kien zamm lil imputat minn qaddu u dawwarlu idejh biex jghamillu l-manetti u l-imputat xejjer idejh u tah daqqa f'idu.  Qal li PC 1373 John Micallef qabadlu idu l-ohra u poggielu l-manetta.

Qal li huma qatt ma taw daqqiet lil imputat, fl-ebda hin. Qal li l-bank fejn kien bil-qeghda l-imputat kien vicin hajt li kien imqabbez 'l barra, u l-imputat habat mal-istess hajt u b'hekk spicca bi brix fuqu.  Qal li huma ma setghux jikkontrollaw lil imputat w ghalhekk kellhom juzaw certa forza fuqu biex jikkontrollawh.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Ottubru 2005 **xehed PS 1373 John Micallef** [fol 38] fejn qal li nhar l-hmistax ta' Ottubru 2005, hu kien stazzjonat l-Ghassa l-Imsida fejn cemplulu mill-Ghassa ta' Tas Sliema u talbuh assistenza. Qal li ftit wara kien irvcieva telefonata li kien hemm xi Gharab jattakkaw xi tfal fi Gnien Indipendenza f'Tas Sliema u ghalhekk mar fuq il-post fejn sab xi nies fuq bank.  Qal li mar ikellem lil wiehed minnhom u talbu l-partikolaritajiet tieghu li rrizultaw li kienu tajbin.  Zied jghid li l-iehor, u cioe l-imputat li gharaf presenti fl-awla, kien qalilhom li l-passaport tieghu kien hallieh d-dar u f'dak l-hin marru fuqu xi tfal li qalulu li l-imputat kien beda jkaxkarhom u fil-fatt tfajla minnhom urietu girfa f'idejh u qaltlu li xi Gharab kienu marru jigru warajhom u jittantawhom.  Qal li f'dak l-hin hu hass ghafsa fuq ghonqu.  Qal li l-imputat ipprova jahrab u ma kellux minn fejn johrog u baqghu jiggranfaw u hu kellu jsabbat lil imputat xi ftit mal-hajt.  Sadanitant mar PS 1575 Robert Fava jghinu u wara mar PC 857 John Laferla wkoll. Qal li

l-imputat tahom battikata shiha biex jarrestawh. Ix-xhud kompla jghid li hu gie msabbat mal-hajt mill-imputat xi tlett darbiet u li t-tlett Pulizija li kienu ma setghux jikkontrollaw lil imputat biex jimmanettjawh. Qal li l-imputat anke ta daqqa bil-manetti fuq sieq PS 1575 Robert Fava. Qal li waqt li kienu sejrin l-Ghassa l-imputat beda jheddidhom li kien ser imur l-ghada u jsibhom. Qal li hu kellu jmur ghand tabib ghaliex kellu l-pulzier tieghu jugugh.

Qal li l-partkolaritajiet li tahom l-imputat kienu foloz. Qal li l-ewwel qalilhom li kien Libjan, imbaghad li kien Palestinjan klandestin. Qal li l-imputat kien qalilhom li kien niezel mill-Mellileha u kien infirex minn hemmhekk. Qal waqt li kien qed jigi aggredit mill-imputat kellu jzomm sod ghaliex kien iwaqqghu mal-art u wara l-imputat telaq jigri. Qal li wara hafna rezistenza rnexxilu jimmanettja lil imputat u sa dak l-hin hu kien qala diversi daqqiet minghandu.

Qal li d-daqqiet li ghandu fuqu l-imputat setghu gew kagjonati meta l-imputat stess instabet fuq il-bank. Qal li hu kien l-ewwel wiehed mill-Pulizija li gie attakkat mill-imputat. Mistoqsi kif giet kagjonata l-ferita li ghandu fuqu l-imputat, ix-xhud qal li ma kienx jaf ezattament kif giet, pero zied jghid li setghet giet kagjonata b’siequ stess meta kien fuq l-imputat biex jikkontrollah. Qal li l-imputat tant beda jinstabat u jirresisti li jista jaghti l-kaz li kkagunaha hu stess dik il-ferita fuqu. Qal li fl-ebda hin ma ra xi Pulizija jaghtu xi daqqiet lil imputat.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed PC 857 John Laferla** [fol 41] fejn qal li fil-hmistax ta’ Ottubru 2005, ghal xi l-ghaxra ta’ bil-lejl kienu rcievew telefonati li kien hemm xi Gharab jsawwtu xi tfal w ghalhekk nizel bil-karozza fuq il-post indikat lilu. Qal li fil-karozza mieghu kien hemm Pulizija iehor. Qal li l-incident sehh hdejn is-Sliema Hotel, fejn hemm l-Plaza Hotel minn naha tal-bandli. Qal li hu nizel fil-gnien fejn ra zewgt Pulizija hdejn bank jippruvaw jimmanettjaw persuna w ghalhekk mar biex jaghtihom daqqa t’id peress li dawn bdew jghidu li kellhom bzonn l-ghajnuna. Qal li l-imputat li gharaf presenti fl-awla, beda jissara maz-zewg Pulizija li kien

hemm fuqu u f’daqqa wahda l-imputat xejjer daqqa ta’ sieq fuqu u laqtu f’irkopptejh u ohra f’gembu. Qal li kien ghadu mugugh s’issa bid-daqqa li qala minghand l-imputat. Qal li sakemm akkumpanjaw lil imputat dan baqa jhebb ghalihom u sahansitra nake l-qmis qattaghlu. Qal li meta beda jghin lil Pulizija sabiex jimmanettjaw lil imputat, dan beda jirrezistihom u l-Pulizija kellhom juzaw xi ftit tal-forza fuqu biex jikkontrollawh biex ma jahrabx. Meta gie muri ritratt li hemm inserit mar-relazzjoni ta’ Doctor Mario Scerri, u mitlub jikkummenta kif gew kagjonati l-feriti murija fuq l-imputat, ix-xhud rrisponda li ma kienx jaf kif gew kagjonati. Ikkonferma li kien dak l-hin li kien qed jarhom l-ewwel darba, ghaliex dakinhar tal-incident hu ma rahomx. Qal li huma zammew lil imputat. Mistoqsi jekk hu ghandux dwiefer, ix-xhud wiegeb li m’ghandux dwiefer. Qal li hu qala daqqiet u ma tax.

Illi nhar l-erbgha w ghoxrin ta’ Ottubru 2005 **xehed Silvio Zammit** [fol 43] li qal li s-Sibt ta’ qabel kellu t-tifel tieghu ma tfal ohra jilghabu fi Gnien Indipendenza f’Tas Sliema u kien qallu li kien hemm xi Gharab li bdew jigru warajhom. Qal li t-tifel qallu li kien diga cempel lil Pulizija u qalilhom li kienu kaxkru tifla certa Vanessa Calleja u ghalhekk hu mar fuq l-post. Qal li fuq il-post ra persuna tissielet mal-Pulizija. Qal li kienu zewg Gharab pero wiehed minnhom kien harab minn fuq il-post u l-iehor kien qed jissara mal-Pulizija fuq r-*railing*. Mistoqsi jghid jekk hu rax lil Pulizija jaghtu lil dik l-persuna x-xhud qal li hu ra lil din il-persuna taghti mal-Pulilzija sabiex tipprova tahrab. Qal li ma dak l-Pulizija kien hemm xi zewg jew tlett Pulizija ohra u dawn kienu qed jaghmlu xogholhom fis-sens li jippruvaw jarrestaw lil din il-persuna Gharbija. Qal li hu kien boghod mill-Pulizija xi tletin metru u l-imputat kien fuq bank meta kien qed jigi mizmum mill-Pulizija u kellu diga manetta wahda fuqu u kienu qed jippruvaw jimmanettjawlu l-ohra. Qal li fl-ebda hin ma ra lil Pulizija jaghtu xi daqqiet lil dik il-persuna. Rigward il-feriti li gie muri x-xhud qal li hu ma kienx rahom u lanqas il-persna li kienet qed tigi mizmuma ma kien qed jaghraf.

Illi nhar l-wiehed ua tletin ta’ Ottubru 2005 **rega’ xehed l-Ispettur Daniel Zammit** [fol 41] fejn esibixxa zewg qomos

tal-Pulizija li gew mmarkati bhala dokument SD 3, li tqattghu waqt l-incident ta’ PS 1373 John Micallef u PC 857 John Laferla. Qal li meta ccekkja mal-quarter master rrizultalu li dawn jiswew zewg liri u tmienja w tletin centezmu kull wahda.

Illi nhar l-erbatax ta’ Dicembru 2005 **xehed l-imputat minn jeddu b’mod voluntarju** [fol 56] fejn qal li huwa kien bil-qeghda fuq il-bandli ma zewg tfajliet li kien sab hemmhekk. Qal li dawn t-tfajliet kienu qed ikellmuh pero huwa ma xtaqx ikompli maghhom. F’hin minnhom giet omm tfajla li kien hemm u qaltlu li kienet ser iggib l-Pulizija u fil-fatt ftit wara l-Pulizija waslu fuq il-post. Qal li l-Pulizija sawtuh w ghalhekk ipprova jahrab minnhom. Qal li l-Pulizija kienu sitta u ma setghax jaghmel rezistenza maghhom ghaliex appena qam, qabduh mill-ewwel. Zied jghid li l-Pulizija offendietu b’ommu w hu hass ruhu offiz ghaliex ommu kienet mejta. Ikkonferma li verament kien gie Malta b’mod klandestin w ghalhekk originarjament ried jahrab minnhom.

Illi minn ezami tal-istqarrija rilaxxjata mill-imputat dokument PS 1, jirrizulta li hu taha l-partikolaritajiet tieghu b’manjiera falza ghaliex stqarr li jismu Reuben Budajer mill-Palestina waqt li hu fil-fatt jismu Akaif Naji Wrd. Ikkonferma wkoll li huwa dahal Malta b’mod klandestin hames xhur ilu u li ried jahrab mill-Pulizija ghaliex beza’ minnhom.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tiddependi biss fuq kwistjoni ta’ kredibilita ta’ xhieda fis-sens li l-gudikant irid jew jemmen lil Pulizija Ezekuttiva li xehdu, liema xhieda hija korroborata mix-xhud indipendenti Silvio Zammit u sa certu punt mic-certifikati medici, jew temmen lil imputat li meta xehed fil-pedana tax-xhieda, deher inkonsistenti u konsegwentement mhux kredibbli.

Il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex m’ghandiex temmen lil Ufficjal tal-Pulizija li qalu li l-imputat hebb ghalihom waqt li kienu qed jaqdu servizz w ikkagunalhom feriti hfief kif

deskritti mit-tabib Victor Buhagiar fic-certifikati rrilaxxjati minnu.

Il-Qorti mhux qed tichad l-possibilita li waqt li l-Ufficjali tal-Pulizija ttantaw jarrestaw lil imputat u jlibsuh il-manetti, huwa rrezista w ghalhekk huma wzaw certa forza fuqu, pero, din il-forza hija accettabbli f'cirkostanzi bhal dawn sabiex jitwettaq arrest u dan sabiex tinzamm l-ordni fil-pajjiz, pero ma thossx li l-Ufficjali tal-Pulizija kkagunaw voluntarjament il-feriti li kellu l-imputat, ghaliex fil-fatt, anke x-xhud Silvio Zammit jghid li fl-ebda hin ma ra lil Pulizija jsawwtu lil imputat, izda li kien hu li kien vjolenti w ghalhekk it-tesi tal-Pulizija li l-imputat setgha kkaguna l-feriti li kellu fuqu ma hajt waqt li kien qed jirrezisti l-arrest, huwa probabbli.

Dwar l-uzu ta' forza, il-Qorti thoss li ghandha tghid kelmtejn peress li spiss qed tiffaccja difiza bhal din.

L-uzu ta' forza minn Ufficjal tal-Pulizija jista jaqa taht zewg kategoriji.  Fl-ewwel lok il-kategorija fejn hemm tali sitwazzjoni li tippermetti l-uzu tal-forza ta' Ufficjal tal-Pulizija w t-tieni kategorija hija l-limitu permess ghal tali uzu.

Kull Ufficjal tal-Puliizja ghandu jkun jaf x'inhuma d-drittijiet tieghu w d-differenzi li hemm bejn dak li jissejjah forza legittima '*legitimate force*', forza mhux rikjesta '*unneccessary force*' u l-brutalita '*brutality*'.

Il-forza legittima hija dik il-forza li Ufficjal tal-Pulizija juza sabiex jimpedixxi l-aggressur milli jkompli bl-agir illegali tieghu biex b'hekk igib is-sitwazzjoni taht kontroll.  F'dak il-kaz li s-sitwazzjoni tkun taht kontroll u l-Ufficjal jippersisti bl-uzu ta' forza, allura b'hekk ikun qed jaqbez il-linja ta' forza legittima.

Il-brutalita hija dik il-forza intenzjonali li juza Ufficjal tal-Pulizija f'kaz ta' bzonn legali.  Il-forza zejda jew ahjar l-'*unnecessary force*' tikkreja hsara daqs il-brutalita.  Din, fil-maggor parti tal-kazijiet ssehh, meta Ufficjal tal-Puliizja

m'ghandhux bizzejjed esperjenza sabiex igib sitwazzjoni taht kontroll effetiv minghajr l-uzu tal-forza.

Skond ***The Code of Conduct for Law Enforcement Officials*** tal-**United Nations**:

"*Law Enforcement Officials may use force only when strictly necessary and to the extent required for the performance of their duty.*"

Fil-fatt fin-notamenti mahruga mill-***Council of Europe - 1994*** pagna 182 dwar il-**Human Rights and the Police** gie ritenut li:

"*The use of force cannot be used if it is disappropriate to the legitimate objective to be achieved.*"

Taht t-tieni ktieb, Titolu 1 imsejjah "***Fuq is-Setghat u d-Dmirijiet Ezekuttivi***" fil-procediment kriminali nsibu l-artikolu 355 tal-Kap 9 li jiddisponi li:

"*L-Ufficjal* [b'referenza ghal Pulizija] *m'ghandux juza hruxija, irbit jew tghakkis iehor hlief jekk ma jkunx jista bl-ebda mod jghaddi minghajrhom sabiex jzomm fiz-zgur l-arrestat jew jekk huma jkunu mehtiega minhabba bl-imgieba tal-arrestat.*"

Dan ifisser li jekk il-persuna koncernata ma toffrix resiztenzi fl-arrest jew tobdi l-ordni legittimi moghtija lilha mill-Pulizija Ezekuttiva, il-Pulizija qatt ma jista jigu gustifikat jew skuzat ghal uzu ta' xi forza.

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tletin ta' Gunju, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Hewitt**, gie deciza li f'dawk il-kazijiet fejn bniedem jirresisti arrest jew ma jobdix l-ordni legittma tal-Pulizija, il-Pulizija jkollha tesegwixxi l-ordnijiet taghha bl-uzu ta' forza. F'din is-sentenza, il-kompjant **l-Imhallef William Harding** qal;

"*The Police Constable had no other alternative beyond that of trying to take him by force.*"

U jkompli jghid lil:

"*When the appellant persisted in refusing to comply with Kitcher's orders (to accompany him to the Police Station) then Kitcher (the Police Officer) was entitled to use such degree of force as was necessary to secure the appellant - provided says* ***Kenny*** *in his text book* ***Outlines of Criminal Law*** *- no more force is used than is proportionate to the immediate needs … of course, the quantum of force is not capable of being measured to a millimeter or weighed to an ounce.*"

Fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Frar 1955*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Bartolo**, il-Qorti sostniet li:

"*L-uzu ta' forza meta rikjest mic-cirkostanzi tal-kaz, u fil-limiti tan-necessita tal-kaz, huwa permess mill-ligi mill-Membri tal-Pulizija in konnessjoni ma l-ezercizzju tad-dmirijiet pubblici taghhom.*"

F'***sentenza ohra moghtija mill-istess Qorti nhar l-hamsa w ghoxrin ta' April 1949*** fl-ismijiet **Il-Pulizija v W Luck et** gie ritenut li:

"*There is nothing unlawful if a Police Officer uses that 'medium' of force that is necessary by the acts of the aggressor, so that the fact that the aggressor, as a result of the use of that force used by the Police Officer suffers some injury, could not appear to be material in his defence.*"

Illi fil-Kodici Penali ma nsibu l-ebda gwida dwar uzu ta' forza salv ghal artikolu fuq riferit u cioe l-artikolu 139A li gie ntrodott fl-1990, wara li l-Konvenzjoni Ewropeja saret parti mill-ligi taghna li jipprovdi li:

"*L-ebda Ufficjal Pubbliku fil-qadi ta' dmirijietu ma jista jikkawza hsara fizika jew mentali fuq persuna sabiex jottjeni stqarrija/konfessjoni, bhala piena ghal dak li jaghmel jew susspettat li ghamel, jew sabiex igieghel*

*jaghmel jew ma jaghmilx xi haga b'intimidazzjoni jew ghal kwalsiasi raguni bbazata fuq diskriminazzjoni*."

Illi dan qed jinghad ghaliex ma jidhirx l-kaz li l-Pulizija Ezekuttiva ghamlet xi hsara fuq il-persuna tal-imputat b'mod voluntarju ghar-ragunijiet imsemmija f'dan l-artikolu.

Illi ma hemmx dubbju li l-imputat kien qed jirrezisti l-arrest u jissara mal-Pulizija. Illi l-Qorti ma thossx li l-Pulizija agixxew in eccess. Huma ttantaw jzommu s-sitwazzjoni taht kontroll u jrazznu lil imputat mill-ghemil vjolenti tieghu.

Il-Qorti thoss li l-akkuza ta’ hsara volauntarja giet wkoll ippruvata mill-Ufficjali tal-Pulizija u dan ghaliex minn ezami tal-hsara li saret fuq il-qomos li kienu lebsin l-Ufficjali waqt l-incident dokumenti S u T, jirrizulta bic-car li dawn spiccaw imqattghin u ma jistghux jintlibsu aktar.

**Il-Qorti, ghalhekk wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 95(1), 98, 41(1)(a), 214, 215, 216, 217, 218, 221, 325(d), 338(dd), 17(b)(c), 20, 23 u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta tiddecidi li ssib lil imputat AKAIF NAJI WRD hati tal-akkuzi kollha, <u>salv u b’eccezzjoni t’attentat ta’ ferita gravi, mill-liema akkuza qed tilliberah</u>.**

**Il-Qorti tinnota li l-Avukat Generali m’akkuzax lil imputat bl-artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u cioe r-reat ta’ hebb u rezistenza kontra Ufficjal Pubbliku, izda akkuzah biss l-aggravju f’kaz ta’ htija, w ghalhekk zgur li l-Qorti ma tistax ssib lil imputat hati ta’ dan r-reat li kien gie originarjament akkuzat bih.**

**Il-Qorti rat wkoll l-fedina penali tal-imputat li hija wahda nadifa minghajr ebda tebgha ta’ kontravenzjoni fuqha pero minn naha l-ohra, ma tistax ma tqisx l-fatt li dawn it-tipi ta’ reati kontra Ufficjali Pubblici waqt il-qadi ta’ dmirijiethom qed jizdiedu w ghalhekk il-Qorti thoss li ghandha taghti messagg lis-socjeta li dawn t-tipi ta’ reati huma ta’ stmerrija kbira u mhux ser jigu accettati f’socjeta demokratika.**

**Il-Qorti thoss li hija ghandha tipprotegi l-Ufficjali Pubblici li qeghdin hemmhekk saiex jipprotegu lil pubbliku.**
**Illi ghalhekk <u>il-Qorti tiddikjara li qed ssib lil imputat AKAIF NAJI WAD hati</u> tal-akkuzi ta' ferita hafifa fuq Ufficjali Pubblici, ta' hsara voluntarja li l-valur taghha ma jeccedix l-ghaxar liri maltin u t'ingurja u theddid kontra Ufficjali Pubblici u tiddecidi li <u>tikkundannah komplessivment ghal erbgha xhur prigunerija,</u> filwaqt li qed <u>tillibera lil imputat</u> mill-akkuza <u>t'attentat ta' ferita gravi.</u>**

**In oltre, qed tikkundana lil imputat AKAIF NAJI WRD ihallas l-ispejjez inkorsi mal-hatra ta' Doctor Mario Sceri fl-ammont ta' erbgha w sittin lira maltin u hamsa w sebghin centezmu [LM64.75c] lil Gvern ta' Malta u dan fi zmien xahar minn meta jigi hekk interpellat mir-Registratur tal-Qorti.**

**Il-Qorti tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikat lid-Direttur tal-Qorti.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------